KUNSILL LOKALI PAOLA
Casal Paola, Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knsija,
Paola PLA1075 - Malta
Tel: 21664066 Fax: 216635666

Ref: 5/61/194/11

**Minuti tal-Laqgha Nru. 61**

Il-Kunsill iltaqa' fl-ufficini amministrattivi, fi Gnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar il-Hamis 9 ta' Gunju 2011. Il-laqgha bdiet fis-6.00pm. Ghal-laqgha kienu prezenti s-Sindku Dominic Grima, il-Vici-Sindku Alfred Borg, il-Kunsillier Seychell, Il-Kunsillier Dalli, il-Kunsillier Lynch u l-Kunsillier Ferris. Il-Kunsillier Borg Myatt kien skuzat. Kien hemm prezenti wkoll is-Segretarju Kevin Borg u l-iskrivana Alison Panzavecchia. Is-Sindku Dominic Grima ppresjeda din il-laqgha.

1) **Minuti**

**Minuti tal-Laqgha Nru. 59**

Dawn il-Minuti gew approvati mill-Membri tal-Kunsill nem.com.

**Materji Konnessi**

**Item 2.11** – Il-Kunsillier Ferris informa lill-Kunsill li dalwaqt ser ikollu r-rapport ta' l-inventarju dwar l-istat ta' l-ewwel 4 nicec fil-lokalita'. Huwa zied jghid ukoll li baghat e-mail dwar dan ukoll.

**Minuti tal-Laqgha Nru. 60**

Dawn il-Minuti gew approvati mill-Membri tal-Kunsill nem.com.

**Item 1 – Tender Gnien Pawlu Boffa**

Is-Segretarju qal li wara li l-*Malta Standards Authority* ikkonfermat li c-certifikati ta' Al Hag Ltd huma validi, u huma nghataw il-kuntratt nhar l-1 ta' Gunju 2011 u ghalhekk fil-30 ta' Gunju 2011 irid jitlesta x-xoghol.

2) **Korrispondenza**

2.1 - Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li fil-Laqgha Nru 54, kien hemm ommissjoni ghaliex il-korrispondenza ta' l-Ghaqda Maltija ta' l-Astronomija ma nkitbitx fil-minuti. Hu kompla jghid li l-Kunsill kien approva li jinghataw permess ghal uzu tas-sala tal-Kunsill ghal perjodu ta' sena. Il-Kunsill rega' approva dan.

2.2 – Is-Segretarju gibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-4 kuntratti li ghandna ma' Asfaltar Ltd, ghadu ma pprezentax il-*performance bond.*

2.3 – Is-Sindku qal li l-Kunsill ma jaqbillux jiehu azzjoni dwar il-*performance bond* issa, izda kif jghaddi l-Precett, tintbaghat ittra bl-avukat lill-kuntrattur.

2.4 – Is-Sindku qal li huwa tkellem mas-Segretarju biex jitwaqqaf s-suq milli jarma ghal xi ftit jiem biex il-kuntrattur ikun jista' jibda x-xoghol fis-suq minhabba li qed ilesti l-bankina w il-*gutter*, u jekk jidhlu bit-trakkijiet tas-suq ikissruha.

2.5 – Il-Kunsillier Ferris qal li ghandna nikkuntattjaw il-GRTU u ninfurmawhom dwar dan.

2.6 – Is-Segretarju qal li biex tintbaghat ittra lil min jarma fis-suq li f'xi dati mhux ser ikun hemm access ghall-vetturi, irridu nkunu certi mid-data l-ewwel.

2.7 – Il-Kunsillier Dalli qabel mas-Segretarju li l-bejjiegha tas-suq ikunu jistghu jarmaw izda minghajr vetturi.

2.8 – Wara diskussjoni, gie deciz li l-ewwel is-Sindku ser ikellem lill-kuntrattur.

**3) <u>Jum Paola</u>**

3.1 - Il-Kunsillier Lynch qal li f'Jum Paola, li ser issir nhar it-Tnejn 11 ta' Lulju 2011, fost attivitajiet ohra ghat-tfal ser ikun hemm ukoll *face painting*.

3.2 – Is-Segretarju qal li gibna *sponsor* ta' ftit aktar minn € 1,000 minghand tal-Coca u ser jintrama bar. Hu zied jghid ukoll li ser jigu taz-*Zoo Media Entertainment* ghat-tfal u *animation team* ghal prezz ta' € 1,000 u li ser jigu wkoll il-Virtuosi Band ghal saghtejn.

3.4 – Il-Kunsillier Dalli qal li ghandna niehdu parir legali minghand l-avukat tal-Kunsill dwar xi reklami li jistghu jintwerew waqt il-programm Konfini, biex nevitaw li naqilghu multa minghand l-Awtorita' tax-Xandir.

3.5 – Wara diskussjoni, gie deciz li Gieh Paola tinghata lis-Sur Alfred Ellul Galea, u li naghtu token bhala rikonoxximent ghal hidma ukoll lil Kappillan Kan. Dun Vincenz Cachia, lis-Sur Adrian Mizzi u lis-Sur Mike Pace, u jinghataw token ukoll bhala rikonoxximent ghall-*Sports Achievement* lis-Sur Eddie Theobold, lis-Sur Charles Cassar, lis-Sur Johnny Privitera, lis-Sur Henry Vella, lis-Sur Edgar Caruana, lis-Sur Edward Previ, lis-Sur Edward Azzopardi, lis-Sur Emmanuel Sultana, lis-Sur Emmanuel Attard, lis-Sinjorina Diane Borg ghal unur tat-3 midalji u lis-Sinjura Nadia Arrigo.

3.6 – Wara diskussjoni, gie deciz li ghandha ssir Quddiesa ta' Jum Paola fil-Knisja ta' Lourdes nhar is-Sibt 9 ta' Lulju 2011. Is-Sindku qal li ser jiccekkja dwar il-hin.

**4) <u>Calcinaia</u>**

4.1 - Is-Sindku qal li meta marru Calcinaia, l-attivitajiet marru tajjeb hafna. Hu kompla jghid li ser jipprezenta r-rapport fil-laqgha li jmiss.

4.2 – Il-Kunsillier Seychell staqsa dwar il-*bye-law* tal-hamiem. Is-Segretarju qal li baghat ittra dwar dan lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

4.3 – Il-Kunsillier Seychell staqsa dwar il-*cameras*. Is-Segretarju qal li gew ordnati 6 cameras minghand Microchip ghax huma inqas minn €1,165. Huwa zied jghid li ser jigu ordnati wkoll it-tabelli li jindikaw li hemm il-*cameras*.

4.4 – Is-Segretarju talab permess biex tohrog offerta ghal *patching* b'materjal adekwat fi Triq il-Bacir. Il-membri tal-Kunsill approvaw.

4.5 – Saret diskussjoni dwar il-bandli ta' Triq San Alwigi. Il-Kunsillier Dalli ssuggerixxa li nitolbu *direct order* biex jinqala' l-bandli.

4.6 – Saret diskussjoni dwar il-kuntratt tal-Green MT. Gie deciz li l-Green MT ma onorawx il-Kuntratt u ghandha tintbaghat ittra bl-avukat tal-Kunsill biex nwaqqfu s-servizz tal-Green MT. Gie deciz ukoll li qabel issir laqgha mal-Green Pak u naraw x'servizzi joffru.

4.7 – Is-Segretarju qal li fi Triq il-Qalb ta' Gesu' hemm il-problemi. Wara diskussjoni, gie deciz li napplikaw ghal *Loading/Unloading* ghal tal-forn u ssir il-*camera* ukoll kif kien gie deciz fil-laqgha tal-Kunsill.

## 5) Pagamenti

5.1 – Is-Segretarju ressaq il-lista tal-pagamenti ghall-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Membri tal-Kunsill approvaw.

5.2 - **Re Cekk Nru 3731** – Il-Kunsillier Lynch staqsa dwar dan. Is-Sindku qal li dan il-pagament huwa l-hlas ta' l-excess baggage.

5.3 – **Re Cekk Nru 3694** – Il-Kunsillier Seychell staqsa dwar dan. Is-Segretarju qal li dan il-pagament rega' hareg minhabba li l-Kunsilliera Helena Ebejer ma kinitx gabret ic-cekk taghha.

## 6) Aggornament

6.1 – Il-Laqgha giet maghluqa fit-8.00pm u aggornata ghal nhar it-Tlieta 5 ta' Lulju 2011 fis-6.00pm.

Approvati llum 7-7-11

Kevin Borg
Segretarju

Dominic Grima
Sindku